MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 874/2003

Kawza fil-lista: 39

**A B**
**Vs**
**C B, D E, Direttur tar-Registru Pubbliku, u l-Avukat Dottor Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati b' digriet tal-1 ta' Dicembru 2003 Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri F B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur A B u l-konvenuta C B sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 6 ta' Novembru 2002 fl-atti tan-Nutar Dr Elena Farrugia (Dok JA1);

Premess illi fit-8 ta’ Mejju 2003 twieldet tifla li inghatat l-isem F B skond certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok. JA 2;

Premess illi din it-tarbija m’hiex wild naturali tal-attur izda tal-konvenut D E;

Premess illi l-attur gie a konoxxenza ta’ dan il-fatt ricentement;

Premess illi l-paternita’ tal-minuri F tista’ tigi stabbilita’ permess ta’ testijiet genetici apposta;

Jghidu ghalekk il-konvenuti, jew min minnhom ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex, ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-minuri F B m’hiex wild naturali tal-attur;

2. Tikkundanna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar isem l-attur mill-kolonna li tiffigura missier it-tarbija kif ukoll il-konnotati kollha tal-istess attur u tissostitwixxi l-istess bil-kliem “missier mhux maghruf” fic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru 1959 tas-sena 2003 u fejn jinhtieg fl-Atti l-ohra relattivi u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, jew min minnhom, ngunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta C B li biha eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti taqbel bhala fatt ma’ l-ewwel talba attrici illi ghandu jigi dikjarat illi l-minuri F B mhijiex il-wild naturali ta’ l-attur;

2. Illi ghal dak illi jirrigwarda t-tieni talba, l-eccipjenti filwaqt illi taqbel illi jithassar isem l-attur mill-kolonna li tiffigura missier it-tarbija, kif ukoll il-konnotati kollha ta’ l-istess attur, toggezzjona ghat-talba illi tali kliem jigi

sostitwiet bil-kliem “missier mhux maghruf” u dan stante illi l-missier naturali tat-tarbija F B, huwa l-konvenut D E, u dan skond ma jirrizulta mir-rizultati tat-testijiet tad-DNA relattivi, li kopja taghhom qed tigi annessa, esebita u markata bhala Dok. A, b’dan illi semmai isem l-attur ghandu jigi sostitwit bl-isem tal-konvenut D E u dan fic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru 1959 tas-sena 2003 u fejn jehtieg fl-atti l-ohra relattivi u sussegwenti.

3. Illi filwaqt illi t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fid-dawl ta’ l-eccezzjonijiet suesposti, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-attur.

Rat in-noti ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru pubbliku li bihom eccepixxa:

1. Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk it-testijiet xjentifici u necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi ghandhom jigu specifikati d-dettalji kollha personali tal-konvenut D E li qed jigi indikat bhala l-allegat missier naturali tal-minuri, biex jekk it-talbiet attrici jigu milqugha u dan jirrizulta wkoll mill-provi a sodisfazzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti, dawn ikunu jistghu jigu inseriti fil-kolonni rispettivi tad-dettalji fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. Inoltre, jehtieg ukoll illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu l-kliem “the said” jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi ghandha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati li biha eccepew:

1. Illi b'digriet tal-1 ta' Dicembru 2003 huma gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-minuri F B.

2. Illi t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu kemm-il darba jigi pruvat li l-minuri minnhom rapprezentata mhijiex wild naturali ta' l-attur.

3. Illi jekk xjentifikament jirrizulta min hu l-missier, il-minuri m'ghandhiex tigi registratafuq missier mhux maghruf.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat li l-konvenut D E debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat in-nota prezentata mill-konvenuta C B fis-16 ta' Frar 2006 kontenenti il-konnotati tal-konvenut Richad E;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi din hi azzjoni ta' de negata paternita' li permezz taghha l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li it-tifla bl-isem F B li twieled mill-konvenuta C B fit-8 ta' Mejju 2003, mhijex il-wild naturali tieghu; u konsegwenzjalment qed jitlob korrezzjoni fl-Att tat-Twelid relattiv bin-numru 1959 tas-sena 2003.

Mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li, ghalkemm fis-6 ta' Novembru 2002 il-konjugi B kienu ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni pubblikat personali, jidher li r-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu tterminaw fil-bidu tas-sajf ta' l-istess sena. Sussegwentement twieldet it-tarbija F fit-8 ta' Mejju 2003, u peress li f' dan iz-zmien l-attur u l-

konvenuta B kienu ghadhom mizzewgin, it-tarbija kienet giet registrata fuq isem l-attur.

Illi f’ xi zmien qabel it-twelid tat-tarbija il-konvenuta B kellha relazzjonijiet intimi kemm ma’ l-attur kif ukoll mal-konvenut D E.

Illi testijiet xjentifici[1] tad-DNA li saru fuq il-konvenuti C B, D E u fuq il-minuri F, kkonfermaw li l-missier bijologiku tal-minuri huwa l-istess D E.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma sostnuti minn provi sodisfacenti u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-minuri F mhijex il-wild ta’ l-attur kif erroneament indikat fl-Att tat-Twelid bin-numru 1959 tas-sena 2003, imma hija l-wild naturali tal-konvenut D E; u konsegwenzjalment tordna korrezzjoni fl-istess Att tat-Twelid fis-sens li l-isem A B u l-konnotati tieghu ma jiqbgux jidhru fuq l-imsemmi Att tat-Twelid, u minflok jidhol l-isem “D E” bil-konnotati segwent jigu inseriti fil-kolonni rispettivi: bin Victor, imwieled il-Pieta’ fit-22 ta’ Lulju 1966 u residenti l-Iklin; kif ukoll il-kliem “the said” jigu kkancellati mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta’ l-omm.

L-ispejjes ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta C B u mill-konvenut D E, f’ porzjonijiet ugwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Vide rapport prezentat ex parte - Dok.B fol.55 konfermat bil-gurament minn Dr.Christian Scerri fis-27 ta’ Mejju 2005 [fol.73]